## 30 ta' Novembru, 1956

### Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Francesco Gauci *versus* Salvatore Gauci

### Ġlieda— Danni — Provokazzjoni — "System of Conduct"

*Danni kaġunati fi ġlieda mhumiex danni kontrattwali, u lanqas akwiljani, imma huma danni konsegwenzjali għal azzjoni kriminuża vera u proprja; u għalhekk japplikaw il-prinċipji tad-Dritt Kriminali. fosthom dak li jissejjaħ "system of conduct" rikonoxxut mill-ġurisprudenza tagħna, fuq l-istregwa tas-sistema leġislattiv Ingliż, anki bħala prova li tattakka l-kredibbilità tal-imputat.*

*Minn jikkaġuna danni fi ġlieda ma jistax jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew, forsi aktar eżattament, il-"calor rixae", jekk il-provokazzjoni kien ipprovokaha hu stess, jew jekk il-fatti juru li hu kien qiegħed jaġixxi minħabba xi riżentiment li hu kellu minn qabel versu l-parti l-oħra.*

*U kieku stess min jkkaġuna d-danni kkaġunahom waqt li kien qiegħed jirreaġixxi, l-iskużanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tiegħu ma kienetx proporzjonata.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Reġina, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi fis-6 ta Frar 1951 il-konvenut għamillu ferita gravi fuq il-persuna tiegħu, konsistenti fi sfreġju, billi gidimlu s-saba' l-kbir taż-żewġ idejn u qatgħalu biċċa minnhom bil-ġilda u bid-dwiefer b'kollox; u illi mħabba l-istess ferita huwa sofra danni, konsistenti fit-telf tax-xogħol tiegħu għal 46 ġurnata, fil-ħlas tal-mediċini, tat-tabib u tad-difensur legali tiegħu, u fit-telfa tal-prodotti tar-raba'; talab illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut (1) jiġi dikjarat responsabbli tad-danni msemmija, u (2) jiġi kundannat iħallsu dik is-

somma li tiġi likwidata mill-Qorti, jekk hemm bżonn per mezz ta' periti li jiġu nominati mill-istess Qorti. Bl-imgħax minn notifika, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Lulju 1951, kontra l-konvenut, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Mejju 1956, li biha ddeċidiet billi ddikjarat lill-konvenut responsabbli tad-danni fuq imsemmijin, u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur għall-istess danni s-somma msemmija ta' £37. 3. 9, bl-imgħax legali mill-jum tas-sentenza, u ordnat li l-ispejjeż iħallashom il-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi l-perit legali, bl-assistenza tal-espert agronomu, fir-relazzjoni tiegħu wasal għal dawn il-konklużjonijiet; li l-konvenut hu responsabbli tad-danni sofferti mill-attur, u li l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur in linea ta' danni hu ta' £37. 3. 9. Dina l-Qorti taqbel mar-raġunijiet li wasslu lill-perit legali għall-istess konklużjonijiet;

Illi, rigward l-ewwel konklużjoni, il-konvenut jissottometti illi l-ġlieda ipprovokaha l-attur; illi kien l-attur li beda biex taħ daqqa ta' ponn fuq widnejħ u stordieħ mal-ewwel daqqa; u illi huwa gidimlu subgħajħ għaliex l-attur daħħalhomlu f'ħalqu. Dawn is-sottomissjonijiet mhumiex aċċettabbli:—

1. Jirriżulta illi l-ġlieda ipprovokaha l-konvenut, u ġiet premeditata minnu. Tabilħaqq, dik il-ġlieda saret...... Għalhekk kien il-konvenut li pprovoka l-ġlieda, u li kien lesta ruħu għaliha minn qabel, jew minn meta kien mar ikellem lill-imsemmi Butigieg;

2. Il-konvenut jgħid illi kien l-attur li beda l-ġlieda, billi taħ daqqa fuq widnejħ u sturdieħ mal-ewwel daqqa. Issa, mhux verosimili li l-konvenut, jekk ġie stordut ma' l-ewwel daqqa li jallega li taħ l-attur, seta' lil dana jigdimlu s-saba' ta' kull id, u mhux f'darba, imma f'darbtejn......

3. Ma jidherx, u ma tantċ hu verosimili, li l-attur daħħal subgħajħ f'ħalq il-konvenut. Għall-kuntrarju, kif jgħid l-attur, il-konvenut mill-ewwel ħataflu idu u gidimlu s-saba' ta' dik l-id......;

Illi, rigward it-tieni konkluzjoni tal-perit legali, il-konvenut ma għamel ebda osservazzjoni, kif anqas ma għamel l-attur; u din il-Qorti, kif ġa ngħad, taqbel mal-istess perit f'dik il-konkluzjoni......;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut fol. 195, li biha dan talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li tiġi miċħuda t-talba tal-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Mhux kontrastat li fil-ġlieda li l-attur kellu mal-konvenut l-attur sofra offiża fuq il-persuna, li kienet tikkonsisti filli l-konvenut gidimlu l-parti ta' fuq ta' kull wieħed mis-swaba l-kbar ta' idejh, bl-asportazzjoni tad-dwiefer. Għalkemm fiċ-ċitazzjoni li saret quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati kontra l-konvenut din l-offiża ġiet deskritta bħala ta' natura ħafifa (probabbilment minħabba li ċ-ċitazzjoni nħarġet qabel ir-rifert med ku finali), eppure ma jistgħax jiġi serjament dubitat li kienet ta' natura gravi. Infatti, anki kieku wieħed kellu, għal grazzja ta' argument, jipprexxindi mill-fatt li ferita simili ġiebet perikolu probabbli ta' debbulizza permanenti fil-funzjoni tal-id waħda u l-oħra tal-attur, u jipprexxindi wkoll mill-fatt li kkaġunat mankament f'idejn l-offiż, hu ċert li ġiebet inkapaċità għax-xogħol tal-offiż għal żmien ta' 30 ġurnata jew iżjed (art. 230 Kap. 12 Ediz. Riv.),peress li, skond ix-xhieda tat-Tabib Peter Xuereb (fol. 103), l-attur dam inkapaċi għax-xogħol tiegħu mis-7 ta' Frar 1951 sal-24 ta' Marzu 1951;

Minn dak li ntqal fid-dibattitu quddiem din il-Qorti jidher li l-konvenut jippretendi li ma għandux ikun responsabbli għaliex hu aġixxa in leġittima difiża biex jirrespinġi l-aggressjoni tal-attur. Subordinatament, il-konvenut talab ir-riduzzjoni tad-danni minħabba l-egħmil kontributorju tal-attur. Ġew anki kontestati d-danni fil-"quantum" tagħhom;

Il-konvenut jippretendi li hu ġie aggredit mill-attur, u li fil-waqt li hu kien qiegħed jirrespinġi l-aggressjoni, is-saba' wieħed u l-ieħor tal-attur ġew f'ħalqu uhu gidimhom;

Dwar il-ġlieda ma hemmx ħlief ix-xhieda tal-attur u dik tal-konvenut;

Tant il-perit nominat mill-Ewwel Qorti, kemm l-Ewwel Qorti, ġew għall-konklużjoni li l-aggressur kien il-konvenut;

Il-kwadru kollu tal-każ isostni din il-konklużjoni. Kien il-konvenut, u mhux l-attur, li wera preokkupazzjoni u riżentiment fuq kwistjonċella ta' kera ta' ftit xelini; liema kwistjoni lanqas kienet proprjament mal-attur, li kien fiżomm ruħu kemm jista' jkun imbiegħed minn dawn il-kwistjonijiet tal-kera. Għalhekk, kien verosimili li meta, fil-ġurnata in kwistjoni, iż-żewġ kontendenti ltaqgħu, il-konvenut, u mhux l-attur, ikun ost:lment inklinat. Hu ukoll verosimili li l-ġlieda jibdiha mhux min ġie deskritt (ara xhieda ta' Salvatore Butigieg fol. 105) bħala wieħed miż-mum fir-raħal bħala raġel kwiet u bħala l-aktar kwiet fil-familja, kif ġie deskritt l-attur, imma li jibdiha min hu ta' indoli aggressiva, kif turi l-fedina penali tal-konvenut, fol. 139 u 139 tergo, amplifikata bid-dettalji li jirriżultaw mill-kopji tas-sentenzi fol. 142, li minha jidher li l-konvenut sa anki aggredixxa lill-missieru, u aggrava l-aggressjoni b'minaċċi serji, u li hu kien miġġieled mal-familja;

Din il-kawża preżenti hi waħda ta' danni mhux kontrattwali, u lanqas akwiljani, imma danni konsegwenzjali għall-azzjoni kriminuża vera u proprja, u għalhekk japplikaw il-prinċipji tad-dritt kriminali, fosthom dak li jissejjaħ "system of conduct", rikonoxxut mill-ġurisprudenza tagħna, fuq l-istregwa tas-sistema leġislattiv ingliż, anki bħala prova li tattakka l-kredibbilità tal-imputat (ara App. Krim. "Pullicino vs. Cassar", 14 ta' Novembru 1953, u l-ġurisprudenza fiha ċitata). Hi anki kważi banali l-versjoni tal-konvenut li subgħaj l-attur ġew f'ħalqu aċċidentalment u hu gidimhom daqs kieku kienet ħaġa naturali li jsir hekk. Il-kliem li qal il-konvenut wara l-ġlieda lanqas kienu tali li jadattaw ruħhom għal bniedem suppost aggredit, u r-rimarka ċinika tiegħu lis-surġent Gauci (fol. 102), fis-sens li, jekk l-attur ma riedx imexxi, allura anki hu ma jieħux passi, tiżvela pjuttost, kuntrarjament għal dak li l-konvenut spera talvolta jottjeni biha, li dan il-konvenut kien jaf ben tajjeb li kien hu li kkaġuna, bl-aggressjoni tiegħu inġustifikata, ħsara serja lill-attur;

Taħt iċ-ċirkustanzi, l-eċċezzjoni tal-leġittima difiża hi assolutament bla bażi;

Lanqas jista' l-konvenut jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew, forsi aktar eżattament, il-"calor rixae". Hu, difatti, prinċipju indubitat ta' dritt penali, li ma hijiex affattu ammessa bħala attenwanti tar-responsabbiltà dik li bi frażi skultorja ssejħet "provocation provoked by the prisoner" (ara Harris & Wilshere, Crim. Law, p. 201); u hu ukoll paċifikament riċevut li ma jistgħax jakkampa ebda diminwenti ta' responsabbiltà dak li l-fatti juru li kien qiegħed jaġixxi minħabba dik li tissejjaħ "an old grudge" (*ibidem p. 202), kif kien dan il-każ, fejn il-konvenut* kien dejjem iħabbat fuq din il-kwistjoni tal-kera ta' ftit xelini. Del resto, hu anki prinċipju ieħor li r-reazzjoni, biex tiġi ammessa l-iskużanti tal-provokazzjoni, jeħtieġ li tkun proporzjonata; u anki kieku wieħed kellu jimmaġina li l-attur beda biex ta daqqa ta' ponn lill-konvenut (dak li ma jirriżultax), b'daqshekk ma tistgħax tissejjaħ reazzjoni proporzjonata l-azzjoni feroċi tal-konvenut;

Dwar il-"quantum tad-danni";

*F'dan il-każ, din il-Qorti hi ta' fehma li l-"quantum"*, al-menu fil-limiti taċ-ċitazzjoni, hu sewwa. Jingħad "fil-limiti taċ-ċitazzjoni", għaliex talvolta seta' jiġi nkluż kap ieħor ta' danni, li però ma ġiex inkluż, b'fortuna immeritata tal-konvenut;

Għal dawn il-motivi u dawk tal-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra *l-konvenut appellant.*